MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Numru. 579/2010

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud)
vs
Justin Farrugia, iben Dorothy Farrugia, imwieled Pieta' fid-9 ta' April, 1991, Karta ta' l-Identita numru 228891(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' Ottubru, 2007, fi Triq il-Gżira, Gżira, ikkometta serq ta' oġġetti minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBF 243, tat-tip Opel Corsa, liema serq hu aggravate bil-valur liema valur jeċċedi€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37, bil-mezz, bil-ħin u bix –xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Christian Ellul;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan billi kkaġuna ħsarat fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBF 243, tat-tip Opel Corsa, liema ħsarat jammontaw għal anqas minn €1,164.69 iżda aktar minn €116.47 għadannu ta' Christian Ellul;
3. talli f'Mejju, 2010 u fil-ġimgħat ta' qabel, fil-Belt, Valletta u f'diversi toroq fil-gżejjer maltin, saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABJ 835, tat-tip Opel Corsa mingħajr liċenzja tas-sewqan u b'hekk mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
5. talli f'Mejju, 2010 ikkometta serq sempliċi ta' bott għall-kontribuzzjoni tal-Caritas minn ġewwa Pinto Pharmacy, Triq Sanbastjan, Qormi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi rpoċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2010 fejn il-ħsara li ġarrab Christian Ellul ġiet kwantifikata fl-ammont ta' €590, li l-imputat min-naħa tiegħu ħallas seduta stante. Minħabba dan il-fatt, Christian Ellul ħafer lill-imputat u irrinunzja għall-azzjoni Kriminali.

Illi l-prosekuzzjoni irtirat ir-raba' akkuża miġjuba kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar ir-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 284 u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u

tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan, tinibih milli jottjeni kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------